**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 1**

**Rikors Maħluf Numru 605/2021 NC**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs.**

**Gregory Ciantar**

Illum it-tlieta (3) ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-bank attur (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fit-23 ta' Ġunju 2021 li jgħid hekk:

> *"1. Illi in forza ta' kuntratt tal-1 ta' Lulju 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil, il-Bank attur ikkonċeda lill-konvenut faċilità bankarja konsistenti f'self, u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata t-12 ta' Diċembru 2008 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. A u Dok. B);*

*2. Illi l-konvenut naqas milli jagħmel l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

*3. Illi fuq dan is-self il-konvenut Ciantar huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' sitta u tletin elf mitejn u sitta Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€36,206.93) dovuta in kwantu għal tlieta u tletin elf ħames mija u disa' Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€33,509.38) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti elfejn u sitt mija sebgħa u disgħin Ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€2,697.55) bħala imgħax ikkalkulat sal-24 ta' Mejju 2021, kif jirriżulta mill-anness statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 14159681 immarkat Dok. C, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-25 ta' Mejju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;*

*4. Illi in forza ta' kuntratt ieħor, din id-darba tat-3 ta' Awwissu 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Daniela Mifsud Buhagiar, il-Bank attur ikkonċeda lill-konvenut faċilità bankarja konsistenti f'self, u dan wara sanction letter maħruġa mill-istess Bank attur datata t-22 ta' Mejju 2015 (kopja tal-kuntratt ta' self u tas-sanction letter hawn annessi u mmarkati rispettivament Dok. D u Dok E);*

*5. Illi, għal darb' oħra, il-konvenut mill-ġdid naqas milli jagħmel l-pagamenti rikjesti u miftehma ai termini tas-sanction letter u għaldaqstant huwa ddekada mill-benefiċċju tat-terminu mogħti lilhom skond il-kundizzjonijiet tal-istess sanction letter u tal-kuntratt ta' self relattiv;*

*6. Illi fuq dan is-self il-konvenut Ciantar huwa għalhekk debitur tal-Bank attur fis-somma ta' disgħa u għoxrin elf seba' mija ħamsa u erbgħin Ewro u tliet ċenteżmi (€29,745.03) dovuta in kwantu għal sebgħa u għoxrin elf ħames mija tmienja u tletin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€27,538.51) bħala bilanċ mill-kapital misluf lilhom, u r-rimanenti elfejn mitejn u sitt Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€2,206.52) bħala imgħax ikkalkulat sal-24 ta' Mejju 2021, kif jirriżulta mill-anness*

*statement tal-kont in kwistjoni bin-numru 18089742 immarkat Dok. F, oltre l-imgħax legali ulterjuri mill-25 ta' Mejju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;*

*7. Illi l-konvenut, għalkemm interpellat biex iħallas l-arretrati dovut minnu, anki permezz ta' ittra uffiċjali datata l-31 ta' Awwissu 2020 (annessa bħala Dok. G) baqa' inadempjenti;*

*8. Illi għalhekk sal-24 ta' Mejju 2021, b'kollox, il-konvenut Ciantar għandu jagħti lil bank is-somma ta' ħamsa u sittin elf disa' mija wieħed u ħamsin Ewro u sitta u disghin ċentezmu (€65,951.96);*

*9. Illi d-debitu hawn imsemmi huwa ċert, likwidu u dovut, u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti għat-talba rikorrenti.*

*Għaldaqstant, il-Bank esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, jogħġobha:*

*(i) Tilqa' t-talba tar-rikorrenti bid-dispensa mis-smiegħ b'applikazzjoni ta' artikolu 167 et seq ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*(ii) Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur fil-konfront tal-Bank attur fis-somma globali ta' ħamsa u sittin elf disa' mija wieħed u ħamsin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€65,951.96) dovuta kif fuq spjegat;*

*(iii) Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-Bank attur l-imsemmija somma ta' ħamsa u sittin elf disa' mija wieħed u ħamsin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€65,951.96) u dan oltre l-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-25 ta' Mejju 2021 sad-data tal-pagament effettiv a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tal-31 ta' Awwissu 2020 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet premessi*

> *ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża, kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni".*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Ġunju 2021 (*a fol.* 36) li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-23 ta' Settembru 2021 u li l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher dakinhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur.

Rat illi, minkejja li Gregory Ciantar ġiet notifikat bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni skont Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa għażel li ma jressaq l-ebda Nota skont Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u huwa naqas milli jidher għas-seduta tallum u b'hekk għandu jitqies li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**Ikkunsidrat**

Illi, mir-Rikors Maħluf tal-bank attur u mid-depożizzjoni mogħtija minn l-Avukat Ralph Agius Fernandez rappreżentant tal-bank attur, jirriżulta li sal-24 ta' Mejju 2021 il-konvenut Ciantar huwa debitur tal-bank attur għas-somma ta' ħamsa u sittin elf, disa' mija wieħed u ħamsin Euro u sitta u disgħin ċentezmu (€65,951.96) li somma hija dovuta fuq żewġ faċilitajiet li l-bank ikkonċeda lilu lura fis-sena 2009 (biex huwa seta' jixtri proprjeta' ġewwa Buġibba) u fis-sena 2015 (għall-*commitments* personali tiegħu). Jingħad ukoll li l-konvenut waqaf jagħmel pagamenti minn April tas-sena 2020. Jingħad ukoll li minkejja li saru diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas, l-ammont imsemmi baqa' ma tħallasx mill-konvenut u li d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u li l-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talbiet tal-bank attur.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li l-Qorti rat Artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar smigħ ta' kawżi bil-proċedura sommarja, komunement

magħrufa bħala bil-giljottina u tenut kont tal-fatt li l-ammont imsemmi fir-Rikors Maħluf jirriżulta li għadu dovut, il-Qorti hi sodisfatta li l-bank attur pprova l-każ tiegħu skont il-liġi.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti tikkonkludi illi t-talbiet tal-bank attur huma ġustifikati *stante* illi jirriżultaw ippruvati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tal-bank attur billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' Artikoli 167 *et seq.* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Tilqa' it-tieni talba tal-bank attur billi tiddikjara li l-konvenut Gregory Ciantar huwa debitur tal-bank attur għas-somma ta' ħamsa u sittin elf, disa' mija wieħed u ħamsin Euro u sitta u disgħin ċentezmu (€65,951.96) dovuta kif fuq spjegat;

(3) Tilqa' it-tielet talba tal-bank attur billi tikkundanna lill-konvenut Gregory Ciantar iħallas s-somma ta' ħamsa u sittin elf, disa' mija wieħed u ħamsin Euro u sitta u disgħin ċentezmu (€65,951.96) lill-bank attur bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma mill-25 ta' Mejju 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Finalment, tordna li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tal-bank attur jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Gregory Ciantar.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |